**S6.3.2**
Nesploraw il-postijiet f'Malta li ġew milquta l-iktar fil-gwerra

(*tkompli ż-żjara f'Ruma tan-Nannu u t-tfal*)

Roderick: Allura Nann, imbagħad it-Taljani ġew jattakkaw lil Malta?

Nannu: Ġew tabilħaqq ibni! Niftakar sew! Qisu l-bieraħ. Kien fil-għodu l-11 ta' Ġunju meta t-Taljani b'numru kbir ta' ajruplani tal-ġlied bdew jitfgħu xita ta' bombi fuq Malta!

Francesca: Fejn, Nann?

Nannu: L-aktar li tefgħu bombi kienu fuq il-Belt Valletta u l-imkejjen ta' madwar il-Port il-Kbir. Riedu jeqirdu l-vapuri tal-Ingliżi. Attakkaw ukoll l-ajruporti ta' Ħal Far u Ħal Luqa sabiex ikissru u jaħarqu l-ajruplani li kellha Malta.

**L-ISFORTUNA LI TKUN TAĦT IL-MIRA**



**Il-mappa turina l-portijiet il-kbar ta' Malta kif ukoll il-bliet u l-irħula ta' madwar**

1. Immarka bil-kulur AĦMAR il-belt kapitali ta' Malta.
2. Immarka bil-kulur BLU l-port li daħal fih il-konvoj.
3. Immarka bil-kulur AĦDAR it-Tlett Ibliet li ġarrbu ħafna ħsara.
4. Immarka bil-kulur ISFAR il-post fejn twaqqa' t-Teatru Rjal.
5. Semmi **3 postijiet** oħrajn f'Malta li ntlaqtu ħażin fil-gwerra.

   (a) ________________________________________

   (b) ________________________________________

   (c) ________________________________________
6. Ikteb **5 kelmiet** li għandhom x'jaqsmu ma' Malta fit-Tieni Gwerra.

   (a) ________________________________________

   (b) ________________________________________

   (c) ________________________________________

   (d) ________________________________________

   (e) ________________________________________